

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

12450/23
COR 1

PECHE 321
DELECT 120

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 6983 final
Suġġett:	RETTIFIKA ta' 20.10.2023 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-22 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni <i>de minimis</i> għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u fil-Punent tal-Mediterran (C(2023) 5529 final)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 6983 final.

Mehmuż: C(2023) 6983 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2023
C(2023) 6983 final

RETTIFIKA

ta' 20.10.2023

**tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-22 ta' Awwissu 2023 li
jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal
ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u fil-Punent tal-Mediterran
(C(2023) 5529 final)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fit-13 ta' Settembru 2023, il-Grupp ta' Livell Għoli SUDESTMED għarraf lill-Kummissjoni dwar żbalji fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru .../... tat-22 ta' Awwissu 2023¹, fir-rigward tal-ommissjoni tal-merluzz (*Merluccius merluccius*) maqbud mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) u l-inklużjoni ta' tliet speċijiet li għalihom ma ntalbitx eżenzjoni (il-lingwata komuni (*Solea solea*), l-awwista Ewropea ((*Homarus gammarus*) u l-awwisti (*Palinuridae*) maqbuda mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX).

Il-Grupp ta' Livell Għoli SUDESTMED talab lill-Kummissjoni biex tikkoreġi dawk l-iżbalji, sabiex l-eżenzjoni kkonċernata tinkludi l-merluzz (*Merluccius merluccius*) maqbud mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) u tneħħi l-eżenzjoni għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awwista Ewropea ((*Homarus gammarus*) u għall-awwisti (*Palinuridae*) maqbuda mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX), u b'hekk tirrefletti r-Rakkomandazzjoni Konġunta tagħhom tat-2 ta' Mejju, li tinkludi l-merluzz (*Merluccius merluccius*) maqbud mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) b'mod speċifiku filwaqt li ma tinkludix il-lingwata komuni (*Solea solea*), l-awwista Ewropea ((*Homarus gammarus*) u l-awwisti (*Palinuridae*) maqbuda mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX).

Barra minn hekk, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd kien ivvaluta l-eżenzjoni mitluba għall-merluzz (*Merluccius Merluccius*) maqbud mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX).

Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tat-22 ta' Awwissu 2023 jiġi kkoreġut skont dan. Minħabba n-natura sostantiva tal-iżbalji, it-trażmissjoni ta' din ir-rettifika tagħti bidu għal skadenza ġdida għall-oġġezzjonijiet.

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... tat-22 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u fil-Punent tal-Mediterran (C(2023) 5529 final).

RETTIFIKA

tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-22 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u fil-Punent tal-Mediterran

F'paġna 7, fit-titolu,

minflok: “Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... tat-22 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u fil-Punent tal-Mediterran (C(2023) 5529 final).”,

aqra: “Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... tat-22 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u fix-Xlokk tal-Mediterran (C(2023) 5529 final).”.

F'paġna 11, fl-Artikolu 3, fil-punt (b)(vi),

minflok:

“(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) u għall-awwisti (*Palinuridae*) sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet maqbuda minn bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX). F'każ li l-ħatt l-art ta' dawk l-ispeċijiet ikun anqas minn 25 % tal-ħatt l-art totali tas-sajd, il-kwantitajiet li għandhom jiġu skartati jistgħu jkunu sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet.”.

aqra:

“(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*), għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet maqbuda minn bastimenti li jużaw is-snanar u x-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX). F'każ li l-ħatt l-art ta' dawk l-ispeċijiet ikun anqas minn 25 % tal-

ħatt l-art totali tas-sajd, il-kwantitajiet li għandhom jiġu skartati jistgħu jkunu sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet.”.